# Minuti

## Seduta Nru. 23/2012

Data: Il-Tlieta, 29 ta' Mejju 2012

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida, Pjazza Menqa Msida

---

Preżenti: Mary Rose Mifsud – *Chairperson*
John Mary Zahra (Jimmy) – *Membru*
Mario Xuereb – *Membru*
Rudolph Cini – *Membru*
Christopher Galea – *Aġent Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: Jane (Yvonne) Spiteri – *Membru*

❖ Ħadd m'attenda minn naħa tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u tal-Imsida.

---

## AĠENDA

1. Talba;
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti Mqajma mill-Minuti;
4. Korrispondenza rigward Triq Indri Grima;
5. Ġieħ is-Swatar;
6. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat;
7. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson;*
8. Għeluq u Aġġornament.

---

## Kontenut

Annex A Minuti 23/2012

Annex B Tabella ta' Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni

**Minuti 23/2012**

# 1. Talba

**1.1** Il-laqgħa bdiet fil-5:45pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*. Minħabba li ċ-*Chairperson* kienet indisposta minħabba raġunijiet ta' saħħa, il-Kumitat qabel unanimament li d-data tal-laqgħa tinbidel mill-25 ta' Mejju 2012 għad-29 ta' Mejju 2012.

# 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**2.1** Il-Minuti tas-Seduta 22/2012 li saret nhar id-19 t' April 2012 tqassmu qabel u ttieħdu bħala moqrija. Kien hemm korrezzjonijiet f'item 4.1.2 fejn żdiedet il-kelma '*jinħatar'* qabel il-paragrafu. Wara ġew approvati unanimament mill-Kumitat.

# 3. Punti mqajma mill-Minuti

**3.1** **Fuq punt 3.1 –** Iċ-*Chairperson* qalet li l-Kumitat għadu ma rċeviex it-talba uffiċċjali mingħand ir-resident. Sakemm ma jiktibx, il-Kunsill mhux ser jagħmel ix-xogħol meħtieġ.

*Sleeping Policeman* fi Triq Indri Grima

**3.2** **Fuq punt 3.3 –** Il-Kumitat, wara li ċ-*Chairperson* ikkonsultat ma' Profs Victor Sultana, qabel li l-kors jitkompla fix-xahar ta' Lulju sakemm jispiċċa kollu. Il-Kumitat iddiskuta l-loġistika tal-kors fejn iddeċieda li l-*projector* jiġi mislufmill-Kunsill ta' Birkirkara, pupu (bust) jiġi misluf b'xejn mingħand JB Stores, *laptop* mingħand l-Aġent Segretarju Eżekuttiv u manekkin jipprovdih s-Sur Rudolph Cini. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li l-parteċipanti ġew infurmati kollha bl-imejl u min ma rrispondiex jew m'għandux imejl, ġew infurmati bit-telefon.

Basic Life Support.

**3.3** **Fuq punt 5.1 –** Iċ-*Chairperson* qalet li issa r-rotta 123 bdiet topera u għandha tintbagħat ittra lir-residenti kollha sabiex jiġu nfurmati b'dan kif ukoll bid-dettalji tar-rotta 'l ġdida. Il-Kumitat qabel unanimament.

Rotta Arriva

# 4. Korrispondenza rigward Triq Indri Grima

**4.1** Is-Sur Mario Xuereb staqsa liċ-*Chairperson* jekk hux ser issir l-*isleeping policeman* tat-Triq Indri Grima peress li l-permess inħareġ mit-TM sabiex din titwaħħal.

Sleeping Policeman fi Triq Indri Grima.

4.1.1 Iċ-*Chairperson* qalet li mill-Kunsill tal-Imsida, jekk tgħaddi xi ħaġa mill-Kunsill, il-Kumitat ma jistgħax imur lura minnha. Ġabet għall-attenzjoni tal-Imsida li l-permess ħareġ mit-TM iżda minħabba li l-Kunsill mhux ser jidħol f'piki ta' xejn, il-ftehim kien li jitwaħħlu s-sinjali tas-*slow down* u l-*isleeping policeman* ma titwaħħalx.

4.1.2 Il-Kumitat iddeċieda li ġaladarba l-Kumitat m'għandux l-awtorita' li joverrulja deċiżjoni li kienet ittieħdet mil-Kunsill Lokali tal-Imsida, l-*isleeping policeman* mhix ser titwaħħal. Il-Kumitat ma jerfax ħtija ta' xi inċident fit-triq li jista' jiġri minħabba overspeeding.

## 5. Ġieħ is-Swatar

**5.1** Il-Kumitat iddiskuta l-loġistika tas-serata. Peress li fit-8 ta' Ġunju kien ser ikun viċin wisq biex jitlestew il-preparamenti kollha, il-Kumitat iddeċieda li s-serata ssir fis-26 ta' Ġunju 2012. Ġieħ is-Swatar.

5.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lista tal-mistiednin fejn barra li ser jiġu mistiedna l-membri kollha tal-Knisja (rappreżentanti) u tal-Kunsilli rispettivi (Kunsilliera u Segretarji), il-Kumitat iddeċieda li għandhom jiġu mistiedna il-Membri Parlamentari kollha li joħorġu fid-distretti ta' Birkirkara u tal-Imsida. B'kollox ser jiġu mistiedna madwar 120 ruħ.

5.1.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta estimu tal-ispejjeż kollha fejn ser jintnefaq madwar ta' €1,260 għas-serata kollha. Dawn għadhom jitqassmu bejn tnejn biex jiġu mħallsa miż-żewġ Kunsilli rispettivi. Il-Kumitat qabel unanimament.

## 6. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat;

**6.1** Is-Sur Jimmy Zahra qed jissuġġerixxi li jsir żbir tas-siġar fi Triq il-Ġostra. Il-Kumitat qabel Żbir tas-siġar fi Triq il-Ġostra

**6.2** Is-Sur Rudolph Cini staqsa fuq kif baqa' l-Kumitat rigward it-*Traffic Management*. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li għadu ma rċieva xejn mit-TM. Kien bagħat *reminder* fejn irrispondewh li qed jevalwaw il-proposti tal-Kumitat. Traffic Management

## 7. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

**7.1** *Iċ-Chairperson* staqsiet lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv f'hiex waslu x-xogħlijiet ġol bandi tas-Swatar. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kumitat li hu u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Imsida qed jiddiskutu kontinwament ix-xogħilijiet li qed isiru. Għad jonqos li jitwaħħal il-Wifi, tiġi konnettjata s-CCTV mal-Internet u tinbidel il-grada. Bandli tas-Swatar

7.1.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv semma wkoll li x-xibka li qiegħdha madwar il-grawnd biex tilqa' l-blalen m'hix b'saħħitha u qed titqatta. l-Aġent Segretarju Eżekuttiv talab l-approvazzjoni tal-Kumitat sabiex issir xibka b'saħħitha u iggalvanizzata madwar il-grawnd kollu ħalli ma tibqax titqatta. Talab ukoll l-approvazzjoni tal-Kumitat sabiex darbtejn f'sena, it-turf artifiċjali jsirlu *brushing* ħalli jinżamm dejjem fi stat tajjeb. Il-Kumitat qabel unanimanet fuq dawn iż-żewġ proposti.

7.1.3 L-Aġent Segretarju ressaq proposta mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Imsida fejn talab li jsiru *embellishment* bħall-bozoz maqtugħa u tibjid qabel ma jidħol is-sajf. Il-Kumitat qabel ma din il-proposta pero rigward it-tibjid, il-Kumitat qabel li dan isir wara lis-CCTV tiġi tiffunzjoni tajjeb.

**7.2** *Iċ-Chairperson* staqsiet lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv f'hiex waslet l-approvazzjoni tal-emblema tal-Kumitat. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li għadu ma rċieva xejn. Iċ-*Chairperson* qalet li ser tmur tiċċekkja hi personalment id-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Emblema tal-Kumitat

**7.3** *Iċ-Chairperson* qalet li l-Kunsill tal-Imsida qed jissuġġerixxi li għandha tintbagħat ir-risposta tat-TM fejn mhux qed japprova li ssir *loading and unloading bay* quddiem il-Maypole għax ir-residenti qed igergru u ma jafux il-fatti. Is-Sur Rudolph Cini issuġġerixxa li għandu jintalab il-permess ta' min bagħat ir-risposta qabel ma titqassam lir-residenti. Il-Kumitat qabel. Loading and Unloading Bay quddiem il-Maypole.

**7.4** *Iċ-Chairperson* qed tissuġġerixxi li fi Triq Anthony Sammut, fl-ewwel parti tagħha, il-parking bays isiru mindudin peress li t-triq qed tidjieq meta jipparkjaw il-karozzi u abbulanza mhux qed tkun tista' tgħaddi. Il-Kumitat qabel. Parking Bays fi Triq Anthony Grima.

**7.5** *Iċ-Chairperson* qalet li HSBC talbu laqgħa mal-Kumitat. Laqgħa mal-HSBC

**7.6** *Iċ-Chairperson* qalet li ser isiru l-korsijiet tal-kompjuter bil-kollaborazzjoni mal-Kunsill ta' Birkirkara fejn il-Kumitat għandu jippromwovi l-korsijiet. L-istudenti kulma ser jintalbu biex iħallsu €15 kull persuna għas-spejjeż tat-Tutor kif ukoll għall-materjal li ser jitqassam waqt il-kors. Korsijiet tal-kompjuter

**7.7** *Iċ-Chairperson* qalet li hi u Yvonne marru seminar rigward il-Kultura. Il-Kumitat irid joħroġ b'idejat fuq kultura. Seminar tal-Kultura.

## 9. Għeluq u Aġġornament.

**9.1** Il-laqgħa spiċċat fit-7:20pm. Il-Kumitat unanimament qabel li l-laqgħa għandha tiġi aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 27 ta' Ġunju 2012, fil-5:30pm ġewwa l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

______________________ ______________________

*Chairperson*, KAS Aġent Segretarju, KAS

______________________

Data

**Annex B**

## Tabella ta' Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| Ref. | Suġġett | Entita' / Persuna Responsabbli |
|---|---|---|
| **3.3** | Rotta Arriva | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **6.1** | Żbir tas-siġar fi Triq il-Ġostra | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **7.1** | Bandli tas-Swatar | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **8.3** | Loading and Unloading Bay quddiem il-Maypole. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **8.4** | Parking Bays fi Triq Anthony Grima. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |